MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Numru. 400/2006

**Il-Pulizija**
**(Supt Neil Harrison)**

**versus**

**Raphael Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Raphael Borg ta' 26 sena iben John u Theresa nee' Farrugia, mwieled Pieta fit-3 ta' Lulju 1980, residenti 15, Bieb il-Polverista, Bormla,detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 313780(M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-17 ta' Lulju 2003 u fl-ahhar xhur qabel din id-data

(a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta
(b) Ukoll talli sar ricediv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Awla 2 fil-5 ta’ Jannar 1999.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Ikkonsidrat.

Illi fl-istqarrija tieghu l-impuat innega li huwa kien rema xi haga meta twaqqaf mill-SAG f’roadblock. L-imputat ma kienx wahdu fuq il-mutur. Fuq l-imputat ma nstab xejn. Mix-xhieda forensika jirrizulta li s-sustanza kienet THC.

Meta ttella’ l-ex PC 1563 Martin Micallef, dan ma ftakar xejn. Ix-xhieda ta’ dan ix-xhud ma kinitx registrata minhabba li kien hemm hsara fir-recorder. (Il-Qorti qed tiftakar x’kien xehed dan ix-xhud). Ebda xhud iehor ma ttella’ biex jikkonferma x’kien tassew ghamel l-imputat (Second SM Marisa Bartolo ma kinitx fuq il-post.)

Kienet wkoll ppruvata r-ricediva.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101, qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni u konsegwentement wara li rat l-Artikoli 49 u 50, qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni minhabba nuqqas ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------